# L-istat tan-nazzjon



## Konferenza Nazzjonali

Il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2023

Il-Palazz Verdala

LIVE

facebook.com/PresidentofMalta

L-istat tan-nazzjon

# *L-istat*
# tan-nazzjon

**Dr Vincent Marmarà**
B.Sc.(Hons)(Melit.), M.Sc.(Sheff.) Statistics, Ph.D.(Stir.), FRSS, KLJ
Statistiku u lettur anzjan fl-Università ta' Malta

# L-għanijiet prinċipali

- Din il-konferenza nazzjonali se tibda bi stħarriġ xjentifiku fost il-Maltin.
- Għal dan l-istudju qed nikkunsidraw iċ-ċittadini Maltin.
- Irridu nifhmu aħjar min hu l-poplu Malti u Għawdxi.
- Nifhmu aħjar f'dak li l-poplu jemmen, dak li jiddefinixxih u dak li jifforma l-prinċipji tiegħu.
- L-interess prinċipali mhux l-opinjoni tan-nies fuq ħaġa jew oħra iżda fuq dak li hemm aktar fil-fond u li jsawwar l-opinjonijiet tal-poplu.

# L-għanijiet prinċipali

- Se nħarsu dwar dak li jiddefinixxi lill-poplu minn diversi aspetti fosthom:
  1. Ir-reliġjon
  2. Il-kultura
  3. L-impjieg
  4. L-għażliet li jagħmel ta' kuljum
  5. Id-drittijiet
  6. Il-politika
  7. L-aspett finanzjarju u diversi aspetti oħra

  Dan kollu se nħarsu lejh mil-lenti taż-żgħażagħ, tal-anzjani, tal-ħaddiema u ta' ċittadini minn inħawi differenti, u ta' ħafna gruppi oħra li jikkaratterizzaw il-popolazzjoni kollha ta' Malta.

L-istat tan-nazzjon

# Metodoloġija

- Dan l-istudju jikkonsisti f'kampjun ta' 1,064 persuna minn 16-il sena 'l fuq. Hekk naċċertaw li r-riżultati jkunu kemm jista' jkun qrib il-fatti. Infatti l-*margin of error* huwa ta' +/-3%.
- Aċċertajna li l-kampjun intgħażel b'mod li jirrifletti d-demografija tal-pajjiż biex b'hekk anke l-vuċi ta' dak li jiddefinixxi l-istat tan-nazzjon ikun jaqbel b'mod eżatt.
- L-istudju ta' sentejn ilu sar fi żmien meta l-pandemija kienet fil-qofol tagħha u kien hemm diversi restrizzjonijiet imposti b'mod speċjali fir-rigward tal-attività soċjali. Barra minn hekk, tajjeb wieħed jinnota li l-istudju tas-sena l-oħra sar ftit żmien wara l-Elezzjoni Ġenerali. Filwaqt li l-istħarriġ ta' din is-sena qiegħed issir fi żmien fejn nistgħu ngħidu ġejna għan-normalità totali. Dawn il-fatturi kollha ħallew influwenza fuq diversi riżultati.

L-istat tan-nazzjon

# Metodoloġija










L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja, d-drittijiet tiegħek u l-livell ta' għajxien

# Tippjana ħajtek?

Interessanti ta' min jinnota li kull sena n-nies qed jippjanaw inqas l-ħajja tagħhom u jgħixu aktar ġurnata b'ġurnata. Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul, huma dawk li jippjanaw ħajjithom l-aktar.



# Tippjana ħajtek?







L-istat tan-nazzjon

# Il-kuntentizza b’ħajtek

Fis-sena 2022 rajna żieda sostanzjali f’dawk li qalu li huma kuntenti b’ħajjithom (60.7% fl-2021 vs 77.0% fl-2022). Il-perċentwal ta’ din is-sena naqas ghal 66.6%. Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul, huma l-inqas li huma kuntenti b’ħajjithom.







L-istat tan-nazzjon

# Suċċessi f'ħajtek

Kull sena qed tiġi nnotata żieda gradwali f'dawk li qalu li huma jaħsbu li rnexxew f'ħajjithom (minn 61.1% fis-sena 2021 għal 65.1% fis-sena 2022 għal 70.4% fis-sena 2023). Dawk li huma separati/divorzjati huma l-inqas li jaħsbu li rnexxew f'ħajjithom (43.3%). In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u li għandhom l-ogħla livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li qalu li huma rnexxew f'ħajjithom, 80.2%.




L-istat tan-nazzjon

# Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?

Meta mqabbel mas-sena l-oħra naraw li kien hemm tnaqqis marġinali f'dawk li qalu li jaħsbu li se jkunu qed jgħixu aħjar fi żmien sena (41.2% fl-2022 vs 39.1% fl-2022). Dawk li huma iżgħar fl-età huma l-aktar pożittivi li se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena.




L-istat tan-nazzjon

# Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek

Għalkemm il-maġġoranza tan-nies jaħsbu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa, fis-sena 2023 qed naraw l-inqas perċentwal ta' nies li qalu li huma jħossu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa (58.2%). Kull sena qed ikun hemm żieda marġinali f'dawk li jaħsbu li d-drittijiet tagħhom mhux qed jiġu mħarsa (2.1% - 2021, 5.7% - 2022 u 10.0% - 2023). In-nies li għandhom inqas minn 26 huma l-aktar li jħossu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa (71.1%).







L-istat tan-nazzjon

# Il-livell ta' għajxien

Kważi 4 minn kull 5 qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom huwa kważi mal-medja. Il-perċentwal ta' dawk li jaħsbu li għandhom livell tal-għajxien taħt il-medja żdied (5.0% - 2021, 5.9% - 2022 u 9.0% - 2023). L-effett ta' żieda fl-inflazzjoni dejjem qed jidher aktar ċar minn sena għal oħra.




L-istat tan-nazzjon

# Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja

Il-maġġoranza tan-nies qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom baqgħet l-istess imqabbla ma’ sena ilu (42.7%), 26.7% qalu li marret għall-aħjar u 30.6% qalu li marret għall-agħar. Dan ix-xenarju huwa simili għal dak tas-sena l-oħra.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2: L-għażliet ta' kuljum

# Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek

L-istat tan-nazzjon

# Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

- In-nies li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ ġew preżentati b’dawn li ġejjin u huma kellhom jgħidu ma’ min l-aktar jiddiskutu l-problemi tagħhom:
  - Ħbieb
  - Il-familja li tgħix magħha
  - Il-familja li ma tgħixx magħha
  - Professjonisti bħal councillors, terapisti tal-familja, psikoloġisti u social workers
  - Kollegi tax-xogħol
- L-aktar li jfittxu l-għajnuna huwa mingħand il-qraba li jgħixu magħhom (68.8% ta’ dawk li wieġbu qalu li huma dejjem jiddiskutu l-problemi tagħhom mal-familja li jgħixu magħha).
- L-inqas li jfittxu għajnuna huwa mingħand il-kollegi tax-xogħol (fis-sena 2023, 56.0% ta’ dawk li wieġbu qalu li huma ma jfittxux għajnuna rigward il-problemi tagħhom mingħand kollegi tax-xogħol).

L-istat tan-nazzjon

# Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek










L-istat tan-nazzjon

# Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

Jekk xi ħaġa tmur ħażin f’ħajtek, inti tfittex l-għajnuna mingħand: **Professjonisti bħal councillors, terapisti tal-familja, psikoloġisti u social workers**




Jekk xi ħaġa tmur ħażin f’ħajtek, inti tfittex l-għajnuna mingħand: **Kollegi tax-xogħol**




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2: L-għażliet ta' kuljum

## L-għażliet importanti fil-ħajja

# L-għażliet importanti fil-ħajja

Il-familja hija l-aktar sors imfittex min-nies sabiex dawn jieħdu deċiżjonijiet importanti (75.6%). Barra minn hekk, ħafna mid-deċiżjonijiet importanti ma jiġu diskussi ma' ħadd u l-persuna tieħu deċiżjoni waħedha (50.9%). L-inqas mod popolari kif jittieħdu d-deċiżjonijiet huwa: mal-kollegi tax-xogħol (1.0%). Is-sitwazzjoni hija simili ħafna għas-snin preċedenti.




L-istat tan-nazzjon

# L-għażliet importanti fil-ħajja

| 2021 | | 2022 | | 2023 | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Għażla 1:** | | **Għażla 1:** | | **Għażla 1:** | |
| Il-karriera | 45.3% | Il-familja | 46.7% | Il-familja | 43.2% |
| Il-familja | 39.4% | Il-karriera | 24.7% | Il-karriera | 22.4% |
| L-edukazzjoni | 8.2% | L-edukazzjoni | 12.8% | L-edukazzjoni | 16.2% |
| Id-dar | 2.2% | Id-dar | 7.3% | Id-dar | 6.3% |
| Ir-relazzjoni | 2.0% | Is-separazzjoni | 1.4% | Ir-relazzjoni | 2.1% |
| Li nibqa ġuvni/xebba | 0.8% | Emigrant | 0.8% | Ngħin lil ħaddieħor/lill-familja | 1.6% |
| Sports | 0.6% | Ngħin lil ħaddieħor/lill-familja | 0.7% | Bqajt ġuvni/xebba | 0.8% |
| Il-karozza | 0.5% | Is-safar | 0.7% | Is-separazzjoni | 0.8% |
| Passatemp | 0.3% | L-istil ta' ħajja | 0.6% | Il-fidi | 0.8% |
| Ngħin lin-nies | 0.2% | Il-fidi | 0.6% | Is-saħħa | 0.8% |
| Volontarjat | 0.2% | Il-ħbieb | 0.6% | Is-safar | 0.7% |
| Is-safar | 0.2% | L-investimenti li għamilt | 0.5% | Emigrant | 0.6% |
| Irtirar | 0.1% | Volontarjat | 0.5% | Irtirar | 0.6% |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 3: Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

# Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-aktar importanti '1' u l-inqas importanti '5'):

| | **2021** | **2022** | **2023** |
|---|---|---|---|
| – Id-dħul mill-impjieg tiegħek | 2.17 | 2.30 | 2.53 |
| – Is-sodisfazzjon li jagħtik ix-xogħol | 2.24 | 2.33 | 2.40 |
| – Sigurtà/garanzija ta' impjieg | 2.69 | 3.30 | 3.13 |
| – Flessibbiltà tas-sigħat | 3.71 | 3.56 | 3.47 |
| – Apprezzament fuq il-post tax-xogħol | 4.19 | 3.46 | 3.47 |

- Għall-kuntrarju tas-snin ta' qabel (fejn id-dħul mill-impjieg kien l-aktar importanti), is-sodisfazzjon li jagħtik ix-xogħol huwa l-aktar fattur importanti fis-sena 2023. Xorta r-riżultati huma simili għal tas-snin ta' qabel.

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

## It-twemmin f'Alla

L-istat tan-nazzjon

# It-twemmin f’Alla

Għalkemm kull sena qed naraw tnaqqis marġinali, il-maġġoranza assoluta ta’ dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li huma jemmnu f’Alla (88.5%). Kienu biss 6.6% tan-nies li qalu li ma jemmnux f’Alla. Filwaqt li 4.9% tan-nies qalu li ma jafux. Kwart ta’ dawk li għandhom bejn is-16-25 sena qalu li huma ma jemmnux f’Alla.







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

## L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek

# L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek

Aktar minn sittin fil-mija ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ qalu li r-reliġjon hija importanti ħafna f'ħajjithom (61.4%). Għal ftit aktar minn kwart tan-nies, ir-reliġjon mhix daqshekk importanti f'ħajjithom (26.0%). Filwaqt li għal ftit inqas minn għaxra fil-mija, ir-reliġjon mhi importanti xejn f'ħajjithom (9.7%). Meta tħares lejn ir-riżultati ta' dawn it-tliet snin, ir-riżultati huma simili ħafna.







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

## Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

L-istat tan-nazzjon

# Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

Kważi nofs dawk li wieġbu għall-istħarriġ fl-2023 qalu li jikkunsidraw ħafna r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (49.0% - żieda żgħira meta mqabbel mal-2022 (46.4%)). Ftit inqas minn tletin fil-mija tan-nies ma jikkunsidrawx daqstant ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (29.5%). Filwaqt li 16.2% tan-nies assolutament ma jikkunsidrawx ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin.

Kemm tikkunsidra r-reliġjon meta tieħu deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin?




Skont l-età: Kemm tikkunsidra r-reliġjon meta tieħu deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5: In-nazzjonalità

## Ma’ fejn tassoċja ruħek l-aktar?

# Ma’ fejn tassoċja ruħek l-aktar?

Ta’ min jinnota li kull sena qed ikun hemm żieda f’dawk li qalu li huma jħossuhom jagħmlu parti l-aktar mill-Ewropa (11.2% fl-2021 vs 20.6% fl-2022 vs 25.3% fl-2023). L-avvenimenti li qed jiġru madwarna, speċjalment il-gwerra fl-Ukrajna jistgħu jkunu l-kawża għalfejn in-nies qed iħossuhom aktar parti mill-Ewropa.




L-istat tan-nazzjon

# Ma’ fejn tassoċja ruħek l-aktar?

Iż-żgħażagħ ta’ bejn 16 u 25 sena huma l-inqas li jqisu ruħhom bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu (8.5%). L-Għawdxin huma l-aktar li jqisu ruħhom bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu (35.8%).







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5: In-nazzjonalità

## Tixtieq li twelidt u trabbejt f'pajjiż ieħor?

# Tixtieq li twelidt u trabbejt f'pajjiż ieħor?

Il-maġġoranza tal-Maltin li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li huma ma jixtiqux li kieku twieldu f'pajjiż ieħor (74.8%). Kienu 18.5% tan-nies li qalu li huma jixtiequ li kieku twieldu f'pajjiż ieħor. Filwaqt li 6.7% tan-nies qalu "ma nafx". Meta wieħed jikkumpara r-riżultati mas-snin ta' qabel, dejjem qed naraw li hemm żieda f'dawk li qalu li jixtiequ kieku twieldu f'pajjiż ieħor.




L-istat tan-nazzjon

# Tixtieq li twelidt u trabbejt f'pajjiż ieħor?

Dawk li għandhom inqas minn 25 sena huma l-aktar li jixtiequ li kieku twieldu f'pajjiż ieħor (35.0%). Huma biss ftit aktar minn għaxra fil-mija tal-Għawdxin li jixtiequ li kieku twieldu f'pajjiż ieħor (10.6%).







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 6: Il-lingwa primarja

# Il-lingwa primarja

L-aktar lingwa kkunsidrata bħala l-lingwa prinċipali tal-Maltin hija l-Malti (75.4%). Huma 3.6% tan-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ li qalu li l-Ingliż hija l-lingwa primarja tagħhom. Kważi għoxrin fil-mija tan-nies iqisu kemm il-Malti u kemm l-Ingliż bħala l-lingwi primarji tagħhom (19.4%).







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## L-importanza tal-politika f’ħajtek

L-istat tan-nazzjon

# L-importanza tal-politika f'ħajtek

Qed naraw tnaqqis f'dawk in-nies li qalu li l-politika hija importanti ħafna f'ħajjithom (48.3% fl-2021 vs 37.9% fl-2022 vs 37.4% fl-2023). Barra minn hekk, kien hemm aktar nies minn sena għall-oħra li qalu li l-politika ma tinteressahom xejn (12.9% fl-2021 vs 21.9% fl-2022 vs 26.9% fl-2023). Dawn ir-riżultati jindikaw li n-nies ikunu ddejqu jisimgħu dwar politika. Aktar kemm tkun kbira l-età tan-nies, aktar jagħtu importanza lill-politika Maltija f'ħajjithom.







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek

# L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek

Is-sentiment li n-nies qed jagħtu inqas importanza lill-politika jinħass f'din id-domanda wkoll. Meta kkumparat mal-aħħar sentejn, kienu biss 30.6% tan-nies li qalu li huma jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih. Aktar kemm tkun kbira l-età tan-nies, aktar jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih.







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## Il-preferenza tal-vot

# Il-preferenza tal-vot

Fil-passat, aktar minn żewġ terzi tal-Maltin dejjem ivvutaw għall-istess partit (67.4%). Huma 32.6% tan-nies li ġieli vvutaw għal partit differenti fil-passat. L-Għawdxin huma l-aktar li qalu li huma fil-passat dejjem ivvotaw għall-istess partit, 77.6%.







L-istat tan-nazzjon

# Il-preferenza tal-vot

Fl-istħarriġ tal-2023 ħareġ li huma ftit inqas minn erbgħin fil-mija tan-nies jikkunsidraw li jivvotaw għal partit differenti fil-futur (38.7%). Ftit inqas minn tnejn u għoxrin fil-mija qalu li ma jafux (21.9%). Jekk nerġgħu nqabblu l-figuri mas-snin preċedenti, huwa ċar li kulma jmur, in-nies qed jappartjenu inqas għal partit partikolari.




L-istat tan-nazzjon

# Il-preferenza tal-vot

Aktar kemm hi żgħira l-età tal-parteċipanti f'dan l-istħarriġ, aktar iqisu li jivvotaw għal partit differenti fil-futur. Aktar kemm ikun għoli l-livell ta' edukazzjoni tan-nies, aktar ikun hemm ċans li jivvutaw għal partit differenti fil-futur. Aktar kemm tkun għolja t-taxxa fuq id-dħul tan-nies, aktar ikun hemm iċ-ċans li jivvutaw għal partit differenti fil-futur. In-nies li jgħixu fix-Xlokk ta' Malta u fid-distrett tat-Tramuntana huma l-aktar lesti li jivvutaw għal partit differenti fil-futur.










L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## L-ideat tiegħek u l-politika

# L-ideat tiegħek u l-politika

Fis-sena 2023, ftit inqas minn tmenin fil-mija tal-Maltin jidentifikaw ruħhom ma' partit politiku li jaqbel mal-ideat tagħhom (78.8%). Hawn qed naraw tnaqqis ta' aktar minn ħdax fil-mija meta kkumparati mas-sena 2021.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## Pjaċiri mingħand politiċi

# Pjaċiri mingħand politiċi

Ftit aktar minn tletin fil-mija tan-nies qalu li huma ġieli marru għand xi politiku għax kellhom bżonn xi ħaġa (30.9%). Meta mqabbla mas-sena l-oħra, ir-riżultati huma identiċi.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## Distinzjoni bejn il-partiti politiċi

# Distinzjoni bejn il-partiti politiċi

Kważi ħamsin fil-mija ta' dawk li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li mhux vera l-frażi: *Iż-żewġ partiti l-kbar huma l-istess*. Dan ifisser li l-maġġoranza tan-nies tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ partiti l-kbar. Għalkemm il-maġġoranza fl-2023 taħseb li hemm distinzjoni bejn iż-żewġ partiti, dan naqas meta mqabbel mas-sena l-oħra.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## Il-vot fl-Elezzjoni Ġenerali li jmiss

# Il-vot fl-Elezzjoni Ġenerali li jmiss

Ftit inqas minn sebgħin fil-mija ta' dawk li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li huma se jivvotaw fl-Elezzjoni Ġenerali li jmiss (69.9%). Huma biss 11.3% tan-nies li qalu li mhux se jivvotaw. Filwaqt li 18.8% tan-nies għadhom indeċiżi.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

## Rapportar ta’ aħbarijiet li jinteressawk

# Rapportar ta' aħbarijiet li jinteressawk

Ftit aktar minn sitta u erbgħin fil-mija tan-nies li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li l-midja Maltija 'la ħafna u lanqas xejn' tirrapporta u tiddiskuti suġġetti li jikkonċernaw lilhom (46.4%). Wieħed u għoxrin fil-mija tan-nies qalu li l-midja Maltija ma tirrapportax u ma tiddiskutix suġġetti li jikkonċernaw lilhom (21.0%). Kienu 21.8% tan-nies li qalu li l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom.







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

## L-aktar sors popolari ta' midja biex issegwi l-aħbarijiet

L-istat tan-nazzjon

# L-aktar sors popolari ta’ midja biex issegwi l-aħbarijiet

It-televiżjoni u l-links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook baqgħu l-aktar mezzi segwiti biex in-nies isegwu l-aħbarijiet.




L-istat tan-nazzjon

# L-aktar sors popolari ta' midja biex issegwi l-aħbarijiet

| | 16-25 | 26-35 | 36-45 | 46-55 | 56-65 | 66+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gazzetta stampata | 0.0% | 0.0% | 0.4% | 1.6% | 7.9% | 8.1% |
| Gazzetti online (portals) | 45.0% | 46.3% | 29.8% | 16.7% | 16.2% | 17.4% |
| Radju | 9.4% | 3.7% | 7.1% | 15.5% | 31.6% | 32.0% |
| Links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook | 49.4% | 45.1% | 57.9% | 44.1% | 20.3% | 15.2% |
| TV | 25.6% | 28.8% | 42.9% | 60.4% | 75.9% | 84.1% |
| Fuq il-paġni jew gruppi tal-ħbieb tiegħek fuq Facebook | 25.6% | 42.6% | 31.7% | 29.8% | 13.9% | 9.8% |
| Mingħand ħaddieħor | 4.4% | 1.5% | 2.8% | 2.4% | 1.5% | 2.4% |
| Ma nsegwix aħbarijiet Maltin | 12.8% | 6.7% | 4.8% | 8.2% | 6.0% | 2.9% |

| | Primarja | Sekondarja | Postsekondarja | Terzjarja |
|---|---|---|---|---|
| Gazzetta stampata | 4.3% | 2.5% | 3.3% | 4.2% |
| Gazzetti online (portals) | 4.3% | 11.7% | 28.1% | 47.0% |
| Radju | 32.1% | 27.8% | 16.3% | 6.5% |
| Links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook | 7.9% | 31.2% | 45.9% | 42.9% |
| TV | 90.0% | 70.3% | 51.5% | 37.4% |
| Fuq il-paġni jew gruppi tal-ħbieb tiegħek fuq Facebook | 4.3% | 20.7% | 25.9% | 32.7% |
| Mingħand ħaddieħor | 1.4% | 2.4% | 1.9% | 2.9% |
| Ma nsegwix aħbarijiet Maltin | 7.1% | 6.3% | 3.3% | 7.1% |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

## L-avvenimenti li jseħħu barra, għadhom jaffettwaw lil Malta?

# L-avvenimenti li jseħħu barra, għadhom jaffettwaw lil Malta?

Il-maġġoranza assoluta tal-Maltin (88.5%) jaħsbu li l-avvenimenti li jseħħu barra minn Malta qed jaffettwawna ħafna aktar minn dawk li seħħew għaxar snin ilu. Għalkemm ir-riżultat huwa simili ħafna għal dawk tas-snin preċedenti, ta' min jinnota li kien hemm tnaqqis marġinali ta' 4.3% mis-sena 2022 għas-sena 2023.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 9: L-aktar importanti għalik fost: ġustizzja, ugwaljanza, libertà u solidarjetà

L-istat tan-nazzjon

# L-aktar importanti għalik fost: ġustizzja, ugwaljanza, libertà u solidarjetà

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-aktar importanti '1' u l-inqas importanti '4'):

| | 2021 | 2022 | 2023 | |
|---|---|---|---|---|
| – Ġustizzja | 1.44 | 1.95 | 1.75 | – l-aktar importanti |
| – Libertà | 2.55 | 2.49 | 2.71 | |
| – Ugwaljanza | 2.96 | 2.53 | 2.65 | |
| – Solidarjetà | 3.01 | 2.98 | 2.90 | – l-inqas importanti |

- L-aktar importanti għan-nies hija l-ġustizzja, filwaqt li l-inqas importanti hi s-solidarjetà. Riżultat simili ħafna għal dak tas-sena li għaddiet. Ir-riżultat baqa' kostanti matul it-tliet snin.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 10: Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

L-istat tan-nazzjon

# Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

Meta mistoqsija kemm lesti li jafdaw persuna Maltija bħalhom (fejn 1 - Ma tafda lil ħadd, 5 - Nafda lil kulħadd), l-aktar risposta komuni kienet "3 - Newtrali". Il-medja hija ta' 2.86. Ta' kull sena qed ikun hemm tnaqqis fil-medja. Dan ifisser li l-Maltin qed jafdaw inqas.




L-istat tan-nazzjon

# Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

| | Medja: |
|---|---|
| Mara | 2.84 |
| Raġel | 2.89 |
| | |
| 16-25 | 2.94 |
| 26-35 | 2.93 |
| 36-45 | 2.81 |
| 46-55 | 2.92 |
| 56-65 | 2.81 |
| 66+ | 2.81 |
| | |
| Miżżewweġ | 2.90 |
| Mhux miżżewweġ | 2.82 |
| Separat/Divorzjat/Annullat | 2.78 |
| Armel/Armla | 2.81 |
| | |
| Primarja | 2.58 |
| Sekondarja | 2.86 |
| Postsekondarja | 2.85 |
| Terzjarja | 2.95 |

| | Medja: |
|---|---|
| Ħaddiem/a | 2.90 |
| Student/a | 2.98 |
| Mara/Raġel tad-dar | 2.78 |
| M'iniex impjegat/a bħalissa | 2.65 |
| Pensjonant/a | 2.84 |
| | |
| 0% | 2.70 |
| 15% | 2.96 |
| 25% | 2.90 |
| 35% | 3.15 |
| Ma weġbux | 2.89 |
| | |
| Nofsinhar tal-Port il-Kbir | 2.71 |
| Tramuntana tal-Port il-Kbir | 2.86 |
| Distrett tax-Xlokk | 3.04 |
| Distrett tal-Punent | 2.81 |
| Distrett tat-Tramuntana | 2.86 |
| Għawdex u Kemmuna | 2.87 |

| | Medja: |
|---|---|
| Għandek tfal taħt is-16-il sena | 3.03 |
| M'għandekx tfal taħt is-16-il sena | 2.82 |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 11: Arti u kultura

## L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

L-istat tan-nazzjon

# L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn l-affarijiet/avvenimenti kulturali Maltin (l-aktar importanti ‘1’ u l-inqas importanti ‘5’):

| | 2021 | 2022 | 2023 | |
|---|---|---|---|---|
| – Ikel tradizzjonali Malti | 2.42 | 2.75 | 2.63 | |
| – Il-festi tal-irħula u l-ibliet | 2.53 | 2.46 | 2.47 | – l-aktar importanti (2023) |
| – Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | 2.70 | 2.72 | 2.67 | |
| – Arti u mużika Maltija | 2.87 | 3.34 | 3.22 | |
| – Il-karnival | 4.47 | 3.66 | 4.01 | – l-inqas importanti |

- Bħas-sena l-oħra, l-aktar importanti għan-nies huma l-festi tal-irħula u l-ibliet, filwaqt li l-inqas importanti hu l-karnival.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 11: Arti u kultura

# L-arti u l-kultura u l-iżvilupp personali tal-bniedem

# L-arti u l-kultura u l-iżvilupp personali tal-bniedem

Tlieta u sittin fil-mija ta' dawk li ħadu sehem fl-istħarriġ qalu li l-involviment fl-arti u l-kultura huwa importanti ħafna għall-iżvilupp personali tal-bniedem. Il-medja hi ta' 4.35 minn 5 fejn 1 - Ma naqbilx kompletament u 5 - Naqbel ħafna.

Kważi ħamsa u erbgħin fil-mija ta' dawk li ħadu sehem fl-istħarriġ qalu li l-arti u l-kultura huma essenzjali ħafna għall-ħajja. Il-medja hi ta' 3.90 minn 5 fejn 1 - Ma naqbilx kompletament u 5 - Naqbel ħafna.

L-involviment fl-arti u l-kultura huwa importanti għall-iżvilupp personali tal-bniedem (1 - Ma naqbilx kompletament, 5 - Naqbel ħafna)




L-arti u l-kultura huma essenzjali għall-ħajja tiegħek (1 - Ma naqbilx kompletament, 5 - Naqbel hafna)




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 12: Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

L-istat tan-nazzjon

# Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

Sitwazzjoni hi simili bħas-sena l-oħra meta lin-nies saqsejnijhom "Inti komdu bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna? (1 - Ma jien komdu xejn u 5 - Komdu ħafna)". Il-medja hija ta' 3.05 (fejn 1 - Ma jien komdu xejn, 5 - Komdu ħafna).




L-istat tan-nazzjon

# Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

| | Medja: |
|---|---|
| Mara | 3.00 |
| Raġel | 3.11 |
| | |
| 16-25 | 3.82 |
| 26-35 | 3.27 |
| 36-45 | 2.92 |
| 46-55 | 2.82 |
| 56-65 | 2.83 |
| 66+ | 2.92 |
| | |
| Miżżewweġ | 2.88 |
| Mhux miżżewweġ | 3.44 |
| Separat/Divorzjat/Annullat | 2.81 |
| Armel/Armla | 3.21 |
| | |
| Primarja | 2.61 |
| Sekondarja | 2.85 |
| Postsekondarja | 2.96 |
| Terzjarja | 3.40 |

| | Medja: |
|---|---|
| Ħaddiem/a | 3.19 |
| Student/a | 3.14 |
| Mara/Raġel tad-dar | 2.70 |
| M'iniex impjegat/a bħalissa | 3.00 |
| Pensjonant/a | 2.92 |
| | |
| 0% | 2.84 |
| 15% | 2.89 |
| 25% | 3.23 |
| 35% | 3.63 |
| Ma weġbux | 3.10 |
| | |
| Nofsinhar tal-Port il-Kbir | 2.72 |
| Tramuntana tal-Port il-Kbir | 3.00 |
| Distrett tax-Xlokk | 3.02 |
| Distrett tal-Punent | 3.15 |
| Distrett tat-Tramuntana | 3.42 |
| Għawdex u Kemmuna | 3.07 |

| | Medja: |
|---|---|
| Għandek tfal taħt is-16-il sena | 3.03 |
| M'għandekx tfal taħt is-16-il sena | 3.07 |

Iż-żgħażagħ ta' bejn is-16-25 sena huma l-aktar li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (medja ta' 3.82).

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13: Il-komunikazzjoni

## Il-komunikazzjoni mal-familjari

L-istat tan-nazzjon

# Il-komunikazzjoni mal-familjari

Kważi tliet kwarti ta’ dawk li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ qalu li huma l-aktar li jikkomunikaw mal-familjari huwa wiċċ imb wiċċ (74.8%).




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13: Il-komunikazzjoni

## Il-komunikazzjoni mal-ħbieb

# Il-komunikazzjoni mal-ħbieb

Il-maġġoranza ta’ dawk li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ qalu li huma l-aktar li jikkomunikaw mal-ħbieb huwa wiċċ imb wiċċ (48.2%). Filwaqt li 34.2% tan-nies qalu li jitkellmu mal-ħbieb l-aktar permezz tal-midja soċjali u sms. Huma biss 17.6% tan-nies li qalu li huma jċemplu lill-ħbieb tagħhom.




L-istat tan-nazzjon

# Il-komunikazzjoni mal-ħbieb

Kważi sittin fil-mija ta’ dawk bejn 26-35 jikkomunikaw mal-ħbieb tagħhom permezz tal-midja soċjali u sms (58.6%). L-irġiel jippreferu jitkellmu mal-ħbieb wiċċ imb wiċċ aktar min-nisa (57.5% - irġiel vs 39.6% - nisa). L-Għawdxin huma l-aktar li jippreferu li jkellmu lill-ħbieb tagħhom wiċċ imb wiċċ (62.8%).










L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13: Il-komunikazzjoni

## Diskussjoni dwar il-ġrajjiet kurrenti

L-istat tan-nazzjon

# Diskussjoni dwar il-ġrajjiet kurrenti

Aktar minn tliet kwarti ta' dawk li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li huma jiddiskutu dak li hu għaddej fil-pajjiż ma' ħaddieħor wiċċ imb wiċċ (76.8%).







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 14: Ir-rispett u l-valuri

# Ir-rispett u l-valuri

Il-maġġoranza assoluta tal-poplu qalet li r-rispett u l-valuri li tħaddan persuna qegħdin jiġu mgħallma l-aktar mill-familja (85.9%). Filwaqt li 14.1% tan-nies qalu li dawn qed jiġu mgħallma l-iskola. Ir-riżultat huwa identiku għal dak tas-sena l-oħra.




L-istat tan-nazzjon

# Konklużjoni

# Konklużjoni

**Il-Familja**

- Dan huwa l-istat tan-nazzjon. Ħarisna lejn dak li jiddefinixxih u dak li jinfluwenzah sabiex jifforma l-opinjonijiet u l-ħsibijiet tiegħu. Rajna kemm is-sehem tal-familja huwa importanti għall-ħajja tagħna ta' kuljum, għad-deċiżjonijiet li nieħdu, kif ukoll għall-problemi li naffaċċjaw.
- Fl-istess waqt, Malta għandha l-inqas rata ta' fertilità fl-Ewropa b'1.13 twelid għal kull mara, skont statistika tal-Eurostat. Dan huwa inqas mill-medja tal-UE ta' 1.53 twelid għal kull mara.
- Għaliex il-familja hija tant importanti għalina, imma fl-istess waqt mhux qed jirnexxilna nżommu l-familja kbira? X'inhi d-definizzjoni ta' familja? Min hi l-familja llum? It-trobbija ddur mal-finanzi tal-familja jew bil-kontra? Omm imġiegħla tagħżel bejn familja u karriera? L-ekonomija jew il-familja fil-qalba tan-nazzjon? Dan kollu ser niddiskutuh illum.

L-istat
tan-nazzjon

# Konklużjoni

**Il-Familja**

- In-numru ta' nies li qed jippjanaw ħajjithom naqas. Imma aktar kemm għandek età żgħira, aktar tippjana ħajtek; u aktar kemm għandek dħul, aktar tippjana ħajtek ukoll.
- Il-flus ma jagħmlukx kuntent. Aktar kemm għandek dħul, inqas kuntent b'ħajtek.
- Il-maġġoranza assoluta tal-poplu tħoss li għamlet aktar suċċess f'ħajjitha. Kważi 4 minn kull 5 qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom huwa kważi mal-medja. Fl-istess waqt, fuq 3 snin, rajna żieda ta' dawk li qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom huwa taħt il-medja, wisq probabbli bl-effett tal-inflazzjoni.

# Konklużjoni

**Komunikazzjoni jew Facetime?**

- 21.8% tan-nies qalu li l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom. 21.0% tan-nies qalu li l-midja Maltija ma tirrapportax u ma tiddiskutix suġġetti li jikkonċernaw lilhom u 46.4% qalu mhux dejjem. Bħalissa jidher li n-nies qed isegwu inqas aħbarijiet, infatti qed naraw tnaqqis kważi fis-sorsi kollha ta' midja differenti. It-televiżjoni huwa l-aktar sors li jużaw in-nies biex isegwu l-aħbarijiet Maltin.
- Tlieta minn kull 4 qalu li jikkomunikaw l-aktar mal-familja wiċċ imb wiċċ, imma nofs il-poplu qal li jikkomunika l-aktar mal-ħbieb wiċċ imb wiċċ. Ta' min jinnota li madwar 43% fost dawk ta' bejn 16 u 25 sena jikkomunikaw l-aktar mal-ħbieb permezz tal-midja soċjali jew sms u aktar minn hekk, fost dawk ta' bejn 26 u 35 sena, madwar 59% jikkomunikaw mal-ħbieb permezz tal-midja soċjali jew sms.
- Edukazzjoni u sillabu: fejn hu l-bilanċ? Etika u mistħija: Qed ninħbew wara SMS? Wara screen? It-teknoloġija qed ixxekkel jew tgħin il-ħsieb? Għadna naħsbu jew spiċċajna nsegwu biss? Kif qed tinbidel il-mentalità taż-żgħażagħ?

# Konklużjoni

**<u>Alla, ir-reliġjon, il-festi u l-politika</u>**

- In-nies iqisu l-festi bħala l-aktar ħaġa importanti mill-kultura Maltija, segwiti mill-ikel tradizzjonali Malti u anke mill-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.
- Poplu li jemmen f'Alla imma mhux bl-istess livell ta' importanza li jagħti lir-reliġjon. Rajna wkoll varjazzjonijiet ċari bejn ġenerazzjonijiet differenti. Iż-żgħażagħ u l-anzjani għandhom viżjonijiet differenti dwar diversi aspetti u temi. Wieħed minn kull erbgħa tal-età bejn 16-25 qalu li ma jemmnux f'Alla. Imma dan minħabba nuqqas ta' esperjenza jew sempliċiment riżultat ta' poplu li qiegħed dejjem jinbidel? Fiex nemmnu? Il-festa ta' min? Tal-qaddis? Tal-voluntiera? Tal-istatwa?
- Poplu li qabel l-elezzjoni kien jagħti aktar importanza lill-politika, imma wara l-elezzjoni jħoss li l-politika hija inqas importanti għalih. Fl-isfond ta' dan kollu, il-poplu jikkunsidra inqas l-opinjoni tal-partit politiku qabel ifassal l-opinjoni tiegħu. Bħala impatt ieħor naraw li bħalissa hemm aktar nies li jikkunsidraw jivvutaw partiti differenti fil-futur. Għalkemm kien hemm tnaqqis bejn is-sena l-oħra u din is-sena, il-maġġoranza tal-poplu tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ partiti; għalihom mhumiex l-istess.

# Konklużjoni

**Min hu barra barra, min hu ġewwa ġewwa**

- Għandna poplu li għandu n-nazzjon Malti għal qalbu ferm, komdu li jgħix Malta, komdu li jiġi assoċjat ma' Malta u li jidentifika lilu nnifsu ma' dak li hu Malti. Fl-istess waqt, il-poplu qed jassoċja lilu nnifsu mal-Ewropa aktar meta mqabbel mas-snin preċedenti. Fl-istess ħin qed naraw żieda fost dawk li qalu li jixtiequ li twieldu u trabbew ġo pajjiż ieħor. Aktar kemm tikber fl-età, kif ukoll l-Għawdxin, aktar komdi li trabbew u twieldu f'Malta.
- Terz tal-poplu mhux komdu bit-taħlit tal-kulturi flimkien, terz ieħor tal-poplu huwa indeċiż dwar it-taħlit tal-kulturi, jew forsi aħjar ngħidu skont liema kultura lest li jitħallat magħha, u terz ieħor biss komdu bit-taħlit tal-kulturi flimkien. Kieku mhux għax iż-żgħażagħ huma aktar idejhom miftuħa għal kulturi differenti, il-maġġoranza tal-poplu aktar topponi t-taħlit tal-kulturi.
- Fl-istess waqt, il-barranin fil-pajjiż f'għaxar snin żdiedu minn 4% għal 22%. X'ser jiddeċiedi dan il-poplu? Barranin f'darna? Jew barranin f'moħħna? Aħna razzisti? Nistgħu ndawru r-rota ekonomika mingħajr il-barranin? L-istati Ewropej qed isiru aktar jew inqas magħquda?

# Minn hawn 'il quddiem...

Dan huwa dak kollu li ser niddiskutu llum. Dawn huma l-mistoqsijiet li qiegħed jitkellem dwarhom il-poplu. Imma, qabel ma l-kelliema, il-poplu, u l-esperti jiddiskutu l-istat tan-nazzjon, bdejna billi nagħtu stampa ta' min hu l-poplu u dak li jiddefinixxih minn aspett xjentifiku. B'hekk, il-poplu Malti semma' leħnu qabel id-diskussjoni. Issa, id-diskussjoni tista' tibda.

L-istat
tan-nazzjon



## Konferenza Nazzjonali

Il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2023
Il-Palazz Verdala

LIVE
facebook.com/PresidentofMalta

L-istat
tan-nazzjon